# Stqarrija ta' privatezza

L-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali li jsir mill-Parlament Ewropew.

1) Min jipproċessa d-data personali tiegħek?
   - Il-Parlament Ewropew, qed jaġixxi bħala l-kontrollur[1] u l-entità responsabbli għall-ipproċessar hija Parlament Ewropew > Segretarjat tal-Parlament > Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni > Direttorat għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali > Segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, irrappreżentata minn PANIZZA Roberta.
   - Tista' tikkuntattja lill-kontrollur/entità fuqpeti-secretariat@europarl.europa.eu jew bil-posta billi tikteb lil: European Parliament, Chair of the Committee on Petitions c/o PETI Secretariat, Rue Wiertz 60, 1047 Brussels, Belgium.

2) X'inhuwa l-għan tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek?

- Id-data personali tiegħek tiġi pproċessata sabiex jiġi implimentat id-dritt tal-petizzjoni: billi jiġu riċevuti l-petizzjonijiet imressqa u l-appoġġ għalihom, bit-trattament tal-petizzjonijiet mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet skont il-proċedura applikabbli u billi ċ-ċittadini jiġu infurmati dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

3) Liema hija l-bażi ġuridika għall-ipproċessar?

- Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar hija l-Artikolu 227 tat-TFUE u l-Artikoli 226-229 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

4) Liema data personali tiġi pproċessata?
   - Nipproċessaw ismek, kunjomok, in-nazzjonalità, it-titlu, il-ġeneru, il-grupp ta' età, l-indirizz, l-email, in-numru tat-telefon, kif ukoll kwalunkwe data personali oħra tal-persuna li tibgħat il-petizzjoni jew ta' partijiet terzi li tiġi pprovduta fil-kontenut tal-petizzjoni, fl-account tal-Portal tal-Petizzjonijiet tiegħek jew f'korrispondenza sussegwenti mas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Inti tikkonferma li d-data personali kollha ta' persuni terzi mressqa minnek lill-Parlament Ewropew inkisbet legalment skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar l-ipproċessar ta' data personali.

[1] Kontrollur huwa l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali. Il-kontrollur huwa rappreżentat mill-kap tal-entità.

5) Kif se tiġi pproċessata d-data personali tiegħek?

- Id-data personali tiegħek tasal jew bil-posta jew elettronikament u tinħażen fl-applikazzjonijiet elettroniċi tal-Parlament għall-ġestjoni tal-petizzjonijiet. Jekk tkun meħtieġa għal segwitu xieraq tal-petizzjoni tiegħek, xi data personali tista' tiġi ttrasferita wkoll lir-riċevituri msemmija fil-punt 7.

6) Għal kemm żmien tinħażen id-data personali tiegħek?

- Id-data personali tiegħek tinħażen għat-tul tal-proċess tal-petizzjoni u tal-proċeduri ġudizzjarji possibbli kontra l-Parlament Ewropew fir-rigward tal-petizzjoni. Wara dak il-perjodu, il-fajls stampati tal-petizzjonijiet jinħażnu għal skopijiet storiċi skont ir-regoli applikabbli dwar il-konservazzjoni ta' dokumenti storiċi. F'dan il-kuntest, il-ħażna ta' data personali li tkun tinsab fihom tista' tkun meħtieġa għal finijiet storiċi. Id-data personali li tinsab fil-Portal tal-Petizzjonijiet, fis-sistema ta' ġestjoni tal-petizzjonijiet elettroniċi tas-Segretarjat u fis-sit web tal-Parlament Ewropew tinħażen għal żewġ leġiżlaturi u wara tiġi arkivjata.

7) Min huma r-riċevituri tad-data personali tiegħek?

- Jekk il-petizzjoni tiegħek titqies ammissibbli, id-data personali tiegħek tista' tiġi ttrasferita lill-Membri tal-Parlament Ewropew, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE, lill-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll lil kwalunkwe parti terza oħra li tista' tikkontribwixxi għat-trattament tal-petizzjoni tiegħek.
- Kun af li l-petizzjonijiet reġistrati huma dokumenti pubbliċi. Dan ifisser li l-identità tiegħek, in-numru mogħti lill-petizzjoni u d-data personali li jkun fiha:
  - (1) jistgħu jiġu kkomunikati lir-riċevituri msemmija fil-paragrafu hawn fuq;
  - (2) jistgħu jissemmew f'laqgħat pubbliċi li jsiru mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u għalhekk jixxandru fuq l-internet (li jfisser li kulħadd jista' jarahom permezz tas-sit web tal-Parlament Ewropew);
  - (3) jistgħu jissemmew fis-sessjoni plenarja, u għalhekk jiġu rreġistrati fil-minuti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali;
  - (4) jistgħu jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew.
- Madankollu, tista' titlob li ismek ma jidhirx sabiex tiġi protetta il-privatezza tiegħek, f'liema każ il-petizzjoni tiegħek tiġi anonimizzata u kull minn jirċievi d-data tiegħek jiġi infurmat dwar dan. Kun af, madankollu, li kwalunkwe ċittadin jista' jitlob lill-Parlament, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li d-data personali konċernata ssir pubblika, f'liema każ jista' jkun li l-Parlament ikun obbligat jagħmel dan.

8) Id-data personali tiegħek tiġi kondiviża ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali?

- **Le**, id-data personali tiegħek ma tiġix kondiviża ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

9) Jintużaw xi proċessi awtomatizzati[2] u/jew profiling[3] biex jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk?

- **Le**.

10) Jekk id-data personali ma nkisbitx mingħandek, x'inhu s-sors tagħha?

- F'xi każijiet, il-petizzjonijiet jitressqu minn partijiet terzi, f'isem is-suġġetti tad-data. Fil-kontenut tal-petizzjonijiet, huwa possibbli wkoll li tissemma data personali li tikkonċerna suġġetti tad-data oħra.

11) Xi drittijiet għandek?

- Għandek id-drittijiet li ġejjin:
  - Id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek.
  - Id-dritt ta' rettifika tad-data personali tiegħek.
  - Id-dritt ta' tħassir tad-data personali tiegħek.
  - Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma taffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel ma jiġi rtirat.
  - Id-dritt li tikkuntattja lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Parlament Ewropew fuq data-protection@europarl.europa.eu.
  - Id-dritt li jitressaq ilment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq edps@edps.europa.eu.

[2] It-teħid ta' deċiżjoni unikament b'mezzi awtomatizzati u mingħajr ebda involviment uman. {Eżempji teoriċi: paġna tal-internet li fiha, jekk tagħżel ċerti opzjonijiet, titqiegħed awtomatikament f'listi ta' indirizzi elettroniċi differenti li permezz tagħhom tirċievi l-bullettin korrispondenti ta' kull xahar / l-użu ta' sistema awtomatizzata biex jiġu kkoreġuti t-tweġibiet ta' test "b'għażla multipla" u biex tingħata marka li biha tgħaddi skont in-numru ta' tweġibiet tajbin}.

[3] Il-profiling janalizza aspetti tal-personalità, l-imġiba, l-interessi u l-abitudnijiet ta' individwu biex isiru previżjonijiet jew biex jittieħdu deċiżjonijiet dwaru. Jintuża biex jiġu analizzati jew previsti aspetti li jikkonċernaw il-prestazzjoni fuq il-post tax-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba, il-post fejn tinsab jew il-movimenti tal-persuna kkonċernata, eċċ. {Eżempju teoriku: meta tuża l-media soċjali tinġabar data u jiġu rreġistrati t-tendenzi tiegħek. Din id-data mbagħad tintuża biex jiġu ffurmati previżjonijiet ġodda/differenti dwarek.}